

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva li tikkonsisti frappreżentazzjoni ta' kelb għal prodotti fil-klassijiet 16, 18 u 25 — Trade mark Komunitarja Nru 339 218

Deċiżjoni tad-Diviżjoni "Trade Marks u Reġistru": Ċaħda ta' l-applikazzjoni għal *restitutio in integrum*

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ċaħda ta' l-appell

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li t-tiġdid tat-trade mark Komunitarja huwa mogħti biss fir-rigward tal-proprietarju tagħha jew tar-rappreżentant professjonali; il-Bord ta' l-Appell wettaq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tiegħu tal-fatti peress li ddeċieda li r-rikorrenti u r-rappreżentant awtorizzati tagħha kienu naqsu milli jaġixxu bħala *bonus paterfamilias* f'din is-sitwazzjoni; il-Bord ta' l-Appell wettaq żball ta' liġi meta ddeċieda li kien b'mod arbitrarju li r-rikorrenti innominat lill-Computer Patent Annuities Limited, aġenzija tat-tiġdid tat-trade marks, sabiex iġġedded it-trade mark tagħha.

- tordna lill-Kummissjoni tipproduċi ċerti dokumenti relatati mal-proċedura ta' evalwazzjoni ta' l-offerti;
- tikkundanna il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-Kummissjoni ma annullatx id-deċiżjoni ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASi) li jagħti diversi kuntratti ta' qafas taħt il-proċedura ta' sejħa għal offerti AO/026/06 ta' l-UASI dwar "E-Alicante: servizzi ta' konsulenza, awditjar u studji" ⁽¹⁾ u li ma tterminatx il-kuntratti speċifiċi korrispondenti konklużi taħt l-imsemmija kuntratti ta' qafas.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali mqajma mir-rikorrenti huma idenitici għal dawk li ġew imqajma fil-kawża T-176/08 *infeurope vs Il-Kummissjoni*.

⁽¹⁾ Suppliment għall-ĠU 2006 210-223510.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2008 — infeurope vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-188/08)

(2008/C 171/91)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: infeurope SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: O. Mader, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tiddikjara li l-Kummissjoni ma annullatx id-deċiżjoni ta' għoti kuntratti ta' qafas ta' l-UASI taħt il-proċedura ta' sejħa għal offerti AO/026/06 għal kuntratt ta' servizzi ta' konsulenza, awditjar u studji;
- tiddikjara li l-Kummissjoni Ewropea ma tterminatx il-kuntratti speċifiċi konklużi taħt l-imsemmija kuntratti ta' qafas;
- tordna lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 35 950 kif ukoll interessi bir-rata ta' 4 % fuq l-ammont ta' EUR 33 050 mid-19 ta' Diċembru 2006, interessi bir-rata ta' 4 % fuq l-ammont ta' EUR 2 900 mill-14 ta' Diċembru 2007; u rispettivament interessi bir-rata ta' 8 % fuq is-somma ta' EUR 35 950 mid-data tas-sentenza;
- tordna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 646 631,27 flimkien ma' interessi bir-rata ta' 4 % fuq din is-somma mill-14 ta' Mejju 2008, u rispettivament interessi bir-rata ta' 8 % fuq l-imsemmija somma mid-data tas-sentenza;

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Mejju 2008 — Il-Ġermanja u Deutsche Post vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-490/04 u T-493/04) ⁽¹⁾

(2008/C 171/92)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawżi magħquda.

⁽¹⁾ ĠU C 31, 5.2.2005.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Mejju 2008 — Fränkischer Weinbauverband vs OHMI (Forme d'une bouteille)

(Kawża T-180/06) ⁽¹⁾

(2008/C 171/93)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 212, 2.9.2006.